7.6.2021 B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 8

**Emenda 8**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-vaċċini huma każ klassiku fejn esternalitajiet pożittivi enormi jirrikjedu li jiġu ttrattati bħala beni pubbliċi globali u li jiġu pprovduti b'xejn; billi fil-pajjiżi żviluppati, iċ-ċittadini kollha qed jingħataw il-vaċċini bla ħlas; billi ma jkunx etikament morali jekk dak il-prinċipju ma japplikax għal persuni ħafna aktar foqra fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;*** |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 9

**Emenda 9**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-iżvilupp tal-pandemija, b'mod partikolari fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju; ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 għadha ma spiċċatx u li jeħtieġ li jiġu żviluppati vaċċini ġodda biex jiġu miġġielda l-mutazzjonijiet; jissottolinja li l-komunità internazzjonali trid tagħmel dak kollu li hemm bżonn biex il-pandemija tal-COVID-19 tiġi kkontrollata u li ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu soluzzjonijiet eċċezzjonali; jisħaq, għalhekk, li huwa meħtieġ approċċ olistiku, li jipprijoritizza d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-prodotti tas-saħħa relatati mal-COVID-19, iż-żieda fil-produzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u d-distribuzzjoni ġeografika globali tal-kapaċità tal-manifattura; | 1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-iżvilupp tal-pandemija, b'mod partikolari fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju; ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 għadha ma spiċċatx u li jeħtieġ li jiġu żviluppati vaċċini ġodda biex jiġu miġġielda l-mutazzjonijiet; jissottolinja li l-komunità internazzjonali trid tagħmel dak kollu li hemm bżonn biex il-pandemija tal-COVID-19 tiġi kkontrollata u li ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu soluzzjonijiet eċċezzjonali; jisħaq, għalhekk, li huwa meħtieġ approċċ olistiku, li jipprijoritizza d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-prodotti tas-saħħa relatati mal-COVID-19, iż-żieda fil-produzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u d-distribuzzjoni ġeografika globali tal-kapaċità tal-manifattura; ***jenfasizza li l-politika kummerċjali internazzjonali jrid ikollha rwol proattiv f'dan l-isforz billi tiffaċilita l-kummerċ tal-materja prima, il-prodotti tas-saħħa u mediċi, ittaffi n-nuqqas ta' persunal kwalifikat u ta' esperjenza, issolvi l-problemi fil-katina tal-provvista u terġa'*** |

***tikkunsidra l-qafas globali għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għal pandemiji futuri; jitlob appoġġ għal negozjati proattivi, kostruttivi u bbażati fuq it-test għal deroga temporanja tal-Ftehim TRIPS tad-WTO, bil-għan li jittejjeb l-aċċess globali għal prodotti mediċi bi prezz raġonevoli relatati mal-COVID-19 u li jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tal-produzzjoni u n-nuqqasijiet fil-provvista globali;***

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 10

**Emenda 10**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D’Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar li d-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika tafferma li l-Ftehim TRIPS ma jżommx u m'għandux iwaqqaf lill-Membri milli jieħdu miżuri biex jipproteġu s-saħħa pubblika;*** |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 11

**Emenda 11**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li, fuq medda twila ta' żmien, il-produzzjoni globali tal-vaċċini trid tiġi estiża b'mod urġenti biex tissodisfa d-domanda globali, u li l-investiment fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa għalhekk meħtieġ biex dawn isiru aktar awtosuffiċjenti; jirrimarka dwar il-ħtieġa ta' trasferiment effettiv tat-teknoloġija u tal-għarfien espert biex dan iseħħ; jirrikonoxxi li l-inċentivar ta' ftehimiet ta' ħruġ ta' liċenzji volontarji u ta' trasferiment volontarju tat-teknoloġija u tal-għarfien espert lil pajjiżi b'industriji preeżistenti li jipproduċu l-vaċċini għandu jkun l-aktar mod importanti biex dan l-objettiv jintlaħaq; | 4. Jissottolinja li, fuq medda twila ta' żmien, il-produzzjoni globali tal-vaċċini trid tiġi estiża b'mod urġenti biex tissodisfa d-domanda globali, u li l-investiment fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa għalhekk meħtieġ biex dawn isiru aktar awtosuffiċjenti; jirrimarka dwar il-ħtieġa ta' trasferiment effettiv tat-teknoloġija u tal-għarfien espert biex dan iseħħ; jirrikonoxxi li l-inċentivar ta' ftehimiet ta' ħruġ ta' liċenzji volontarji u ta' trasferiment volontarju tat-teknoloġija u tal-għarfien espert lil pajjiżi b'industriji preeżistenti li jipproduċu l-vaċċini għandu jkun l-aktar mod importanti biex dan l-objettiv jintlaħaq; ***jissottolinja li r-regoli TRIPS attwali jillimitaw b'mod sinifikanti l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' prodotti liċenzjati obbligatorji u għalhekk intużaw darba biss biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mingħajr kapaċità ta' manifattura; jitlob li ssir reviżjoni tar-regoli internazzjonali għall-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji sabiex jittejjeb l-aċċess għal prodotti tas-saħħa bi prezz*** |

***raġonevoli; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-impenji tat-TRIPS+ fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE sabiex tiżgura li jkunu effettivament konformi mad-Dikjarazzjoni ta' Doha tal-2001; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva biex tissimplifika u tarmonizza l-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji fil-livell tal-UE;***

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 12

**Emenda 12**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Iħeġġeġ lill-UE tabbanduna kwalunkwe rikors għal proċedimenti legali fid-WTO jew skont ftehimiet ta' kummerċ ħieles u investiment kontra pajjiżi li jiksru d-dispożizzjonijiet tat-TRIPS meta jadottaw miżuri ta' politika biex jespandu l-aċċess għal prodotti mediċinali relatati mal-COVID-19; jitlob lill-UE, għalhekk, tipproponi, bħala miżura interim qabel ma taqbel dwar deroga mit-TRIPS relatata mal-COVID-19, dikjarazzjoni politika immedjata tad-WTO dwar "sospensjoni" rigward kwalunkwe azzjoni relatata mal-vaċċini u prodotti mediċinali essenzjali oħra biex tiġi indirizzata l-pandemija;*** |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 13

**Emenda 13**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jinnota bi tħassib qawwi li ġiet ipprovduta evidenza reċenti li l-produtturi attwali tal-vaċċini awtorizzati kontra l-COVID-19 irrifjutaw offerti biex jespandu l-produzzjoni minn diversi produtturi farmaċewtiċi ġeneriċi potenzjali fl-UE u f'pajjiżi oħra; jitlob li l-Kummissjoni tuża s-setgħat u l-opzjonijiet kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura li l-kumpaniji jikkondividu t-teknoloġija u l-għarfien relatati ma' prodotti mediċinali tal-COVID-19 bħall-prodotti terapewtiċi, l-istrumenti dijanjostiċi u l-vaċċini ma' manifatturi potenzjali madwar id-dinja, b'mod partikolari f'pajjiżi bi dħul baxx u medju; huwa tal-fehma li l-UE tista' u għandha tikkontribwixxi b'mod unilaterali għal sforz bħal dan billi tiżgura li l-ftehimiet ta' xiri bil-quddiem futuri jintegraw dispożizzjonijiet vinkolanti fir-rigward tal-ħruġ ta' liċenzji globali miftuħa u mhux esklużivi, l-aggregazzjonijiet ta' privattivi, il-kondiviżjoni tal-għarfien, in-nuqqas ta' applikabbiltà tas-sigrieti tal-mestier, id-*** |

***data proprjetarja u l-impenji dwar it-trasferimenti tat-teknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika u tappoġġa lill-manifatturi potenzjali li esprimew interess fiż-żieda tal-produzzjoni tal-vaċċini u ta' prodotti mediċinali oħra relatati mal-COVID-19 sabiex jippermettu li dawn il-manifatturi jingħataw liċenzji mhux esklużivi u jibdew jipproduċu mill-aktar fis possibbli; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament sa Settembru 2021 dwar ir-riżultat ta' dawn l-isforzi;***

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 14

**Emenda 14**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-komunità internazzjonali assolutament ma kinitx lesta biex tindirizza t-theddida ta' pandemija globali ġdida minkejja twissijiet ripetuti minn esperti prominenti u mid-WHO fl-aħħar snin u minkejja sinjali ta' allarm inkwetanti reċenti bħas-SARS-CoV-1, l-H1N1 u l-MERS; jirrimarka, barra minn hekk, il-konsegwenzi negattivi tal-politiki ta' awsterità matul l-aħħar deċennji li affettwaw b'mod sever l-investiment pubbliku fis-settur tas-saħħa u fl-aħħar mill-aħħar dgħajfu l-kapaċitajiet u t-tħejjija ta' diversi pajjiżi biex jindirizzaw emerġenza tas-saħħa akuta;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 15

**Emenda 15**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jissottolinja li l-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji japplika biss għall-privattivi bħala kategorija waħda ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI), iżda li kategoriji oħra ta' DPI, bħall-protezzjoni tad-data u s-sigrieti tal-mestier, li jirrappreżentaw ostakli potenzjali għaż-żieda fil-produzzjoni ta' prodotti mediċinali meħtieġa, huma lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liċenzji obbligatorji;*** |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0308/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Em. 16

**Emenda 16**
**Sara Matthieu, Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Kim Van Sparrentak, Michèle Rivasi, Piernicola Pedicini, Tilly Metz, Rasmus Andresen, Alviina Alametsä**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Jirrimarka, barra minn hekk, li peress li huwa probabbli li varjanti ġodda tal-COVID-19 u żoonożijiet oħra jsiru okkorrenzi regolari matul is-snin li ġejjin, huwa urġenti u kruċjali li jiġi żviluppat mudell ta' finanzjament għall-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' beni pubbliċi globali bħal vaċċini u teknoloġiji essenzjali oħra tas-saħħa; jisħaq li dan il-mudell għandu jirrevedi l-qafas globali għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għal pandemiji futuri u jaqleb minn mudell ibbażat fuq id-drittijiet esklużivi għal approċċi innovattivi bħal "mudelli tal-premjijiet" ibbażati fuq id-diżakkoppjar tal-produzzjoni serjali tal-beni mill-ispejjeż relatati mar-riċerka u l-iżvilupp;*** |

Or. en